Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 14,598, 17 ta' Ġunju, 1986
Taqsima B

A.L. 34 ta' l-1986

ORDINANZA DWAR IL-PROFESSJONI MEDIKA U PROFESSJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAGĦĦA (KAP. 51)

Regolamenti ta' l-1986 dwar il-Mediċini Psikotropiċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 35B (3) ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, il-Ministru tas-Saħħa, bil-parir tal-Kunsill tas-Saħħa, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1986 dwar il-Mediċini Psikotropiċi.

Jemenda It-Tielet Skeda ta l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha.

2. It-Tielet Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minnufih wara l-isem "DMT" għandu jidħol dan l-isem: "DOB, dimethoxy bromoamphetamin 2, 5-dimethoxy-4-bromoamphetamine"; u

(b) minnufih wara l-isem "(+) LYSERGIDE, LSD, LSD-25" għandu jidħol dan l-isem: "MDA, methylene dioxyamphetamine 3,4, methylinedioxyamphetamine".